**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 297/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Annise Bejaoui**

Illum, is-17 ta'Marzu 2025

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Annise Bejaoui** ta' 27 sena, bin Driss Ben Mohamed Bejaoui u Grace xebba Xuereb, mwieled Pieta nhar 23/7/1989 u residenti gewwa 38, Triq Doni, Rabat detentur tal- karta tal-identita numru 387889M

Akkuzat talli matul il- lejl bejn it- 22 u 23 ta April 2017 min gewwa Harmony Kiosk li kien parkeggjat fil-Qasam Industrijali ta San Gwann:

1. *Ikkommetta serq ta' diversi oggetti li jinkludu; daqs €6,000 fi flus kontanti u €1,896 f'sigaretti ghad-dannu ta Ronald Bezzina u/jew persuni jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li huwa izjed minn €2,329.37, bix-xorti tal- haga misruqa u bil-hin;*

2. *Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jen immobbli ghad-detriment ta' Ronald Bezzina u/jew persuni ohra, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix €2,500 izda huwa aktar min €250;*

3. *Ukoll talli sar recidiv permezz ta' sentenzi mghotija lilu minn Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigi mhassra, mnaqqsa jew mibdula.*

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2017, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar is-16 ta' Ottubru 2019 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta;

- Fl-artikoli 261 (b) (c) (f) (g), 263(a), 264(1), 267, 270, 271 (g), 278, 279 (b) u 280 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 325(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Folio 38 ta' l-atti processwali
[2] Folio 176 ta' l-atti processwali

- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat li matul is-seduta tal-24 t'Ottubru 2023 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' Digriet tas-S.T.O. il-Prim' Imhallef Joseph Azzopardi tal-10 ta' Mejju 2019[4].

Rat illi l-partijiet ezentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar l-24 t'Ottubru 2019.[6]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar l-10 ta' Jannar 2023.[7]

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.[8]

Rat in-nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.[9]

---

[3] Folio 177 ta' l-atti processwali
[4] Folio 160-161 tal-atti processwali.
[5] Folio 171 ta' l-atti processwali
[6] Folio 177ta' l-atti processwali
[7] Folio 263 ta' l-atti processwali
[8] Folio 279 ta' l-atti processwali
[9] Folio 278 ta' l-atti processwali

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kemm kif preseduta kif ukoll kif diversament preseduta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerni allegata serqa ta' flus kontanti u sigarretti minn "Harmony Kiosk" li kien imholli fil-Qasam Industrijali ta' San Gwann fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' April 2017 ghad-dannu ta' Ronald Bezzina.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2017 xehed **l-Ispettur Saviour Baldacchino**, stazzjonat CID[10], li stqarr li fit-23 t' April ta' 2017 fejn ghal-habta tan-12:30hrs, certu Ronald Bezzina, proprjetarju ta' Harmony Kiosk irrapporta gewwa l-ghassa ta' B'kara li x'aktarx xi hadd kien dahlu gol-kiosk u seraq xi affarijiet,

[10] Fol. 39-46 tal-atti processwali

senjatament *pouch* iswed li jikkontjeni allegatament €3,000 kontanti, il- *cash register* li kien jiswa €400 u b'valur ta' €1,869.16 f' tabakk u sigaretti. Il-Pulizija mill-ghassa kienet marret fuq il-post flimkien ma membri tas-Sezzjoni Forensika li kienu elevaw filmat cctv. Mill-filmat, il-Pulizija identifikat lill-imputat Annise Bejaoui izda ma identifikatx persuna ohra li kienet mieghu. L-investigazzjonijiet tkomplew mill-Ispettur Elton Taliana. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li l-investgazzjonijiet specifici saru mill-Pulizija tad-distrett u mis-Sezzjoni Forensika. Iccara ukoll li l-identifikazzjoni tal-imputat saret kemm a bazi tal-filmati u kif ukoll a bazi tal-impronti digitali, haga li kienet aktar facli minhabba li l-imputat kien diga maghruf mal-Pulizija.

Gie esebit CD bil-kopja tal-filmat kif ukoll ritratti relatati mas-serqa.[11] Illi minn dawn ir-ritratti u filmati jirrizulta b'mod car dehra ta' zewg persuni fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' April 2017. Illi f'wiehed mir-ritratti id-dehra ta' l-imputat hija cara hafna stante li jidher ihares direttament lejn il-camera. Illi fir-ritratti jidru wkoll jidhol gewwa bieb u iktar tard tul il-lejl qrib is-siegha u nofs ta' filghodu johrog flimkien ma persuni ohra bi oggetti f'idejh.

Fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2017 xehed **PS 3 Kevin Grima**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Birkirkara[12] li spjega kif fit-23 t' April 2017 dahal rapport minn Ronald Bezzina, sid ta' Harmony Kiosk li jkun fiz-zona industrijali ta' San Gwann li kien ghadu kif sab il-kiosk tieghu zgassat. Ix-xhud flimkien ma PC1078 acceda fuq il-post fejn il-kwerelant spjega li safa nieqes *pouch* iswed li fih kellu €6,000 li fi kliem Bezzina kienu hemm sabex ihallas lill-impjegati bihom. Bezzina spjega ukoll li kien insteraq il-*cash register*, prodotti tat-tabakk b'valur ta' cirka €1,869.16 u xi muniti tal-bqija. L-ahhar li kien ra l-kiosk intatt kien lejliet ghall-habta tas-14:30hrs x'hin ghalaq. Fuq il-post issejhu membri tas-

[11] Folio 47-48 ta' l-atti processwali
[12] Fol. 51-56 tal-atti processwali

Sezzjoni Forensika li elevaw xi impronti digitali kif ukoll filmati CCTV. Ix-xhud spjega illi meta huwa ra l-filmat seta' facilment jidentifika lill-imputat Annise Bejaoui minhabba li fil-passat kien ikkommetta reat fl-istess distrett u allura kien jaf min hu.

Gie esebiet rapport tal-pulizija bin-numru tar-referenza NPS 8/R/1556/2017.[13]

Fl-istess seduta xehed **PC 302 Bryan Alken**, stazzjonat l-FSL[14] li stqarr li in segwitu tal-inkrigu, huwa acceda fuq il-lok flimkien ma WPC 363 fejn hi hadet ir-ritratti u hu ha hsieb il-gbir ta' impronti digitali u DNA. Huwa eleva sitt lifters, 3 minn fuq il-bieb u 3 minn fuq il-koxxa tal-bieb tal-kiosk kif ukoll 2 kampjuni ta' ticpis hamrani li kien hemm mal-bieb ghall-fini ta' analizi ta' DNA.

Fl-istess seduta xehdet **WPC 363 Caroline Meilak**, stazzjonata l-FSL[15] li l-inkarigu taghha kien li tigbed ritratti, fejn hija gibdet 27 ritratt li pprezentat fil-forma ta' faxxikolu fotografiku[16]. B'referenza ghar-ritratti BAK 122 u BAK 124 li jindika ticpis hamrani, hija spjegat li dawn kienu prezenti fuq in-naha ta' barra tal-bieb, liema bieb kien instab fi stat imkisser.

Illi minn dawn ir-ritratti jirrzulta l-hsara mertu tas-serqa kif ukol evidenza ohra ta' impronti digitali u ticpis ta' lewn hamrani.

Fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2018 xehdet **Dr Marisa Cassar**, esperta mahtura mill-Qorti[17] sabiex taghmel ezamijiet dwar DNA, fejn hija halfet u pprezentat ir-relazzjoni taghha. Illi mix-xhieda taghha irrizulta li t-ticpis hamrani elevat

[13] Folio 57-59 ta' l-atti processwali
[14] Fol. 60-63 tal-atti processwali
[15] Fol. 67-69 tal-atti processwali
[16] Folio 70-89 ta' l-atti processwali
[17] Fol. 117-118 tal-atti processwali

minn fuq il-koxxa tal-bieb u l-profil genetiku li hareg minn wahda minn dawn l-swabs jaqbel ma ta' l-imputat.[18]

Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2018 xehed **il-kwerelant Ronald Bezzina**, sid tal-gabbana Harmony Kiosk[19]. Spjega li nhar it-23 t' April 2017, li kien il-Hadd, ghall-habta tal-12:15 hrs huwa mar jiccekkja l-gabbana tieghu li kienet qieghda San Gwann Industrial Estate. Hekk kif wasal hemm, intebah li l-bieba tal-genb kienet giet sgassata u ra xi dokumenti mal-art. Induna li l-*cash register* u *pouch* li kien fih madwar €6,000 li t-tnejn kienu nieqsin. Fil-*cash register* kien hemm madwar €400 f'muniti ghall-bqija. Sab ukoll li l-kaxxa tas-sigaretti kienet nieqsa ukoll. In segwitu ta' dan, cempel ghall-assistenza tal-Pulizija, li qalulu biex ma jmiss xejn minhabba li kienu ser isiru ezamijiet ghall-impronti digitali. Minn naha tieghu, ix-xhud ghadda l-filmati CCTV migbura mill-kameras tal-gabbana lill-Pulizija. B'referenza ghall-fotogrammi li ttiehdu minn dawn il-filmati, il-kwerelant ma setax jaghraf il-persuni li jidhru fihom qed jisgassaw il-bieba tal-gabbana permezz ta' gebel u tornavit. In kontro-ezami, filwaqt li spjega li hemm persuni ohrajn li jahdmu fil-gabbana, il-kwerelant eskluda li tali persuni ghandhom access ghall-gabbana meta huwa ma jkunx hemm u dan minhabba li huwa biss ghandu c-cavetta. In rigward tal-flus kontanti li kien hemm fil-gabbana, il-kwerelant spjega li dawn kienu hemm minhabba li kellu xi kontijiet pendenti xi jhallas, inkluz pagi tal-haddiema.

Ix-xhud esebixxa ircevuta ta' l-ammont ta sigaretti misruq fl-ammont kumplessiv ta' elf, tmien mija, disa u sittin u sittax il-centezmu Euro (€1,869.16).[20]

[18] Dok MC1, Folio 119-122 ta' l-atti processwali
[19] Fol. Fol. 131-138 tal-atti processwali
[20] Dok RB1, Folio 130a ta' l-atti processwali

Illi irrizulta li

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Elton Taliana**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Birkirkara[21], li spjega kif nhar it-23 t' April 2017 ghall-habta tan-12:30hrs, il-Pulizija ta' Birkirkara kienet irceviet rapport minghand certu Ronald Bezzina, fejn dan kien infurma lil PS 3 Kevin Grima illi kien hemm xi persuni li kienu dahlulu gewwa l-gabbana Harmony Kiosk li kienet fil-qasam industrijali ta' San Gwann. Skont ir-rapport, kien hemm sinjali ta' sgass u kienu naqsu ghadd ta' affarijiet. Il-kwerelant kien ipprovdi filmati CCTV fejn minnhom, il-Pulizija setghat taghraf lill-imputat Annise Bejaoui. Ix-xhud spjega li kien rintraccja lill-imputat, li kien qieghed fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u hadu stqarrija nhar is-17 ta' Gunju 2017. Prezenti ghall-istqarrija kien hemm PC 97 Silvio Bonello. Wara li rrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali, l-imputat ma wiegeb l-ebda mill-mistoqsijiet maghmula lilu izda fl-ahhar stqarr li ghandu problema kbira ta' droga.

Fl-istess seduta xehed **Joseph Mallia**, espert mahtur mill-Qorti sabiex jaghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali[22], fejn huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Illi mir-rapport[23] jirrizulta li uhud mil-impronti digitali huma ta' l-imputat Annise Bejaoui.[24]

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 xehed il-*probation officer* **Glenn Grixti**[25] li kkonferma li huwa kien qed isegwi l-progress tal-imutat bejn il-11 ta' Mejju 2017 sal-11 ta' Mejju 2020. Spjega li matul il-perjodi li l-imputat kien mizmum fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin huwa seta' jsegwih, izda kull meta spicca

[21] Fol. 137-138 tal-atti procseswali
[22] Fol. 128-129 tal-atti processwali
[23] Dok JM1, Folio 130 ta' l-atti processwali
[24] Folio 18-19 tar-rapport
[25] Fol. 193-194 tal-atti processwali

barra, tista' tghid li qatt ma attenda ghall-appuntamenti. Kien hemm ukoll okkazjoni fejn l-imputat tkecca minn programm residenzjali kontra d-droga.

Fl-istess seduta xehed bil-ligwa Ingliza **CO 016 David Mellors**, adett fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin[26], li spjega li minn naha tieghu, kien jiehu hsieb it-testijiet tal-awrina tal-imputat sabiex jigi determinat jekk kienx qed isir abbuz mid-droga waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Kien irrizulta posittiv fit-2 ta' Lulju 2016 filwaqt li matul is-sena 2017 it-testijiet dejjem kienu fin-negattiv. Rega' rrizulta posittiv fit-23 t'Ottubru 2020 meta rega' dahal fil-Facilita`.

Fl-istess seduta xehdet **Kirsty Catania**, *social worker* adetta mal-Agenzija Appogg[27]. Iccarat li lura fis-sena 2017 hija ma kienitx ghadha qed issegwi lill-imputat u bdiet taghmel dan fis-sena 2018 waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Hekk kif hareg minn hemm, qata' l-kuntatt u allura ma setghatx issegwih sewwa.

Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2021 xehed **Louis Buhagiar** in rapprezentanza tal-Agenzija JobsPlus[28] li pprezenta l-*employment history* tal-imputat. Minn din jirrizulta li qatt ma kellu mpjieg registrat.

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022 xehed **Ashley Cumbo**, *social worker* adett mal-Agenzija Appogg[29]. Kien isegwi lill-imputat bejn Settembru 2016 u April 2017 waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Kien hemm il-pjan li jiddahhal fi programm residenzjali izda dan kollu sfaxxa ghax hekk kif hareg mill-Facilita`, l-imputat qata' l-kuntatt. F'dan l-istadju, ix-xhud gie sostitwit minn Kirsty Catania. F'Jannar 2018, l-imputat kien dahal fil-programm Komunita` Santa

[26] Fol. 195-197 tal-atti processwali
[27] Fol. 198-200 tal-atti processwali
[28] Fol. 222 tal-atti processwali
[29] Fol. 227-230 tal-atti processwali

Marija u dan hemm sa Marzu 2018. Irrimarka li l-imputat dejjem gab ruhu mieghu b'mod edukat u l-problemi kienu jibdew meta jerga' johrog fil-komunita` ghax ma jsibx struttura.

Il-*probation officer* **Glenn Grixti** rega' xehed fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022[30] fejn b'zieda ma dak li kien diga` xehed, spjega li kien qed isegwi lill-imputat fuq ordni ta' supervizjoni mahruga mill-Imhallef C. Scerri Herrera. Sahaq li filwaqt li qatt ma kellu problemi bl-imputat meta kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, is-sitwazzjoni tinbidel kompletament meta jkun barra ghax jaqta' l-kuntatt u qatt ma jattendi ghall-appuntamenti.

Fl-istess seduta xehet **Sarah Farrugia**, psikologa adetta fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin[31]. Stqarret li kienet ghadha kemm bdiet issegwi lill-imputat fuq *anger management* u sabiex jeghleb il-problema tad-droga u johrog mid-dinja tal-kriminalita`. Spjegat li filwaqt li kien hemm xi progress, jifdal aktar xoghol xi jsir, specjalment sabiex tigi kkontrollata l-impulsivita` u l-aggressjoni minn naha tal-imputat.

Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2022 regghet xehdet is-*social worker* **Kirsty Catania**[32]. Spjegat li fil-prezent qed issegwi lill-imputat fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fejn qed jiehu parti fi gruppu flimkien ma detenuti ohrajn bil-ghan li jkun preparat sewwa biex jerga' jidhol fil-komunita` u jzomm 'il boghod mill-vizzji u l-kriminalita`.

[30] Fol. 231-232 tal-atti processwali
[31] Fol. 233-235 tal-atti processwali
[32] Fol. 240-241 tal-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi fl-atti hemm ezebita l-istqarrija tal-imputat[33]. Din l-istqarrija ittiehdet mill-Ispettur Elton Taliana fil-prezenza ta' PC 97 Silvio Bonello nhar is-17 ta' Gunju 2017 gewwa l-ghassa ta' Birkirkara. Wara li rrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali, l-imputat ma wiegebx ghal-maggioranza mill-mistoqsijiet maghmula lilu izda fl-ahhar stqarr li ghandu problema kbira ta' droga u f'mument minnhom wahhal fil-persuna l-ohra li hu kien il-persuna li seraq u mhux hu. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija tieghu.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Illi l-prosekuzzjoni u difiza trattaw il-kawza fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2024[34]. Il-prosekuzzjoni tishaq li f'dan il-kaz l-akkuzi jirrizultaw lilhinn minn kull dubju tenut kont tal-filmati CCTV u evidenza ta' impronti digitali u DNA li nstabet fuq il-post misruq. Bhala piena, ma hemmx insistenza fuq sentenza ta' habs effettiva tenut kont tal-fatt li ricentament, l-imputat ghamel bost kambjamenti ghall-ahjar tul dawn il-proceduri specjalment fejn jidhol il-fejqan mill-vizzju tad-droga. Id-difiza, mill-banda l-ohra, ma tghid xejn fuq il-htija o meno filwaqt li taqbel mas-suggeriment li ma jkunx hemm piena karcerarja f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

**Ir-reat ta' serq**

[33] Fol. 140-141 tal-atti processwali
[34] Fol. 280-282 tal-atti processwali

Illi l-imputat huwa akkuzat primarjament tali ikometta serq aggravat bil-valur, bil-mezz, ix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[35].

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-kaz huwa elenkat fl-artikolu 261(b)(c)(f) u (g) tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-valur, mezz, xorta tal-haga misruqa u hin. Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra l-imputat u li tinkorpora dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-valur issir ssir meta s-serq tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

[35] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-hin ssir meta s-serq issir bil-lejl u cioe bejn inzul ix-xemx u t-tlugh ix-xemx.

Skont il-Kodici Kriminali l-aggravju tax-xorti tal-haga misruqa issir skont id-diversi rekwizit indikati fl-artikolu 271(a)-(i) li f'dan il-kaz huwa (g) li jindika vettura go post accessibli ghall-pubbliku.

L-imputat gie akkuzat talli bhala konsegwenza tas-serqa ikkawza hsara volontarja skond l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 325(1)(b) jghid:

*(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar,jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn uħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar*

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel (1) Imputazzjoni – Serq Aggravat**

Illi l-imputat jinsab akkauzat li seraq diversi oggetti li jinkludu daqs €6,000 fi flus kontanti u €1,896 f'sigarretti ghad-dannu ta' Ronald Bezzina liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur (ghax il-valur jeccedi s-somma ta' €2,329.37), bix-xorti tal-haga misruqa kif ukoll bil-hin, dan ai termini tal-Artikoli 261 (b) (c)

(f) (g), 263(a), 264(1), 267, 270, 271 (g), 278, 279 (b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-prosekuzzjoni tallega li s-serq huwa aggravat bil-mezz ghax sar "bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata" senjatament ghax kien hemm zgass tal-bieba tal-genb tal-"Harmony Kiosk" sabiex inkiseb access ghal gewwa mill-malvivent[36]. Issostni ukoll li f'dan il-kaz is-serq huwa ikkwalifikat bil-hin ghax sar bil-lejl, jiġifieri, bejn inżul ix-xemx fit-22 ta' April 2017 u t-tlugħ ix-xemx fit-23 ta' April 2017[37] kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa, senjatament minhabba li s-serq sar fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku. M'hemmx dubju li Harmony Kiosk huwa vettura, tant li jgib in-numru ta' registrazzjoni "HAC-841"[38].

Illi valur tal-oggetti misruq gie kkonfermat waqt ix-xhieda tal-parte civile Ronald Bezzina. Intant, il-valur tas-sigarretti misruqa gie sostnut ukoll permezz ta' *delivery note*[39] mahruga minn Marco Grima lil "Harmony Kiosk" fil-21 ta' April 2017. Din tindika l-valur ta' dik il-konsenja kien ta' €1,869.16[40].

Illi l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-aggavanti kollha sal-grad rikjest mil-ligi. Ghalhekk, partikolarment minhabba li f'dan il-kaz, il-valur tal-ħaġa misruqa huwa iżjed minn €2,329.37, kif ukoll tenut kont tal-aggravanti l-ohrajn, l-imputat huwa passabbli ghal piena massima ta' seba' snin prigunerija.

---

[36] Vide ritratt a Fol. 81 li kjarament jindika l-effetti tal-isgass fuq is-serratura tal-kiosk.
[37] Vide inter alia it-*time stamps* fuq il-filmati CCTV.
[38] Vide ritratti a Fol. 75 *inter alia*.
[39] A Fol. 131 tal-atti processwali
[40] Jigi nnutat li hemm divarju bejn is-somma relattiva ghas-sigarretti indikata f'dan id-dokument u dik indikata fl-ewwel (1) imputazzjoni, li taqra €1,896 (sic.) Il-Qorti tifhem li dan huwa zball fil-kitba tal-imputazzjonijiet minn naha tal-prosekuzzjoni izda xortawahda, ai fini ta' aggravant tal-valur, dan ma jgovi lill-imputat bl-ebda mod.

Illi in kwantu ta' identifikazzjoni tal-agent tar-reat, il-Qorti tistrieh kemm fuq l-ezami komparattiv tal-impronti digitali maghmul mill-espert nominat Joseph Mallia[41], kemm fuq ir-rizultat tal-ezami komparattiv ta' DNA minn materjali misjuba fuq il-lok[42], kif ukoll fuq l-identifikazzjoni tieghu fuq il-lok mill-Pulizija permezz tal-filmati CCTV. A bazi ta' dan, il-Qorti hija konvinta li l-agent tar-reat huma l-imputat Annise Bejaoui. Verament fil-filmat CCTV jidher li l-imputat kien akkumpanjat minn terza persuna li hija injota, izda l-provi tal-impronti digitali u d-DNA jxejjnu kwalunkwe dubju dwar il-fatt li l-imputat kien l-agent principali tas-serqa.

Ghalhekk, il-Qorti qed issib lill-imputat Annise Bejaoui hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta.

**Ikkunsidrat**

**It-Tieni (2) Imputazzjoni - Hsara volontarja**

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll li volontarjament ghamel hsra fi hwejjeg Ronald Bezzina, il-valur ta' liema hsara ma jeccedix is-somma ta' €2,500 izda jeccedi dik ta' €250, ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jippreskrivi piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar ghal dan ir-reat.

Illi mill-assjem tal-provi, huwa car li sar sgass u hsara mal-bieb tal-kiosk sabiex inkiseb access mill-imputat. Il-parte civile Ronald Bezzina jispjega li mill-filmat, seta' jara lill-imputat jinnaviga mal-bieba t'tornvit u bil-gebel biex jipprova jifthu u mir-ritratti mehuda mill-ufficjali tax-xena tar-reat, il-hsara kkawzata hija cara u manifesta *ictu oculi*. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti ma ghandhiex quddiemha prova konkreta ta' kemm effettivament swiet it-tiswija tal-hsara.

[41] Fol. 130 *et seq* tal-atti processwali
[42] Fol. 120 tal-atti processwali

Illi f'din ic-cirkostanza, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Cutajar***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Settembru 2005 fejn inghad is-segwenti:

> *"Fic-cirkostanzi tal-kaz hu evidenti li ma kien hemm bzonn ta' ebda perit biex jaghmel xi stima ta' xi oggetti biex l-ewwel qorti tikkonkludi – kif effettivament ikkonkludiet – li l-hsara kagunata kienet ta' aktar minn hamsin lira. Jekk wiehed jillimita ruhhu mqar ghan-nuccali b'dik it-tip ta' lenti, hu evidenti li l-ammont tal-hsara kien jiskorri l-hamsin lira. Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati."*

Illi fl-arbitriju taghha, konformament ma dak appena premess, din il-Qorti thoss li huwa minnu li l-hsara kkagunata fil-bieb tal-kiosk tirrikjeda somma li teccedi €250 biex tissewwa u ghalhekk, qed issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni ukoll.

**Ikkunsidrat**

**L-Addebitu tar-Recidiva**

Illi ghar-rigward il-hdax il-imputazzjoni l-imputat giet akkuzat tali renda ruhu recidiv skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Illi permezz tat-tielet (3) "imputazzjoni", il-Prosekuzzjoni titlob dikjarazzjoni li l-imputat huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminlai fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

> "*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*"

Fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva b'dan il-mod u l-fedina penali ma tikkostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Konsegwentement, l-addebitu tar-recediva ma jirrizultax.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fedina penali ta' l-imputat[43] li hija wahda ta' portata biblika. Tixhed ghal karattru raffrettarju fl-imputat, fejn ghandu mhux

[43] Fol. 3-29 ta' l-atti processwali

inqas minn hamsa u ghoxrin (25) kundanna minn dawn il-Qrati, li fil-maggoranza assoluta taghhom jikkoncernaw reati ta' serq.

- Illi r-reat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-mezz, valur, xorta u tal-hin li fih sar u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravju u mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali u mizjuda bi grad jew tnejn skont l-artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali.

- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

- Il-Qorti hadet konjizzjoni tan-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga data 8 ta' Lulju 2024 li biha l-Bord jinforma lil-Qorti li l-Bord huwa sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-klijent tant li qieghed jaghlaq il-kazijiet tieghu b'success.[44] Ghaldaqstant il-Qorti sejra tiehu konjizzjoni dak li jipprovdi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

- - Illi l-vittma ma giex kompensat tal-hsarat li soffra allura l-Qorti ghandha taghmel Ordni ta' Kumpens.

[44] Folio 278 ta' l-atti processwali

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261 (b) (c) (f) (g), 263(a), 264(1), 267, 270, 271 (g), 278, 279 (b), 280, 289 325(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil Annise Bejauoi **hati** ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet dedotti kontrih u **mhux hati** tat-tielet imputazzjoni u ghaldaqstant qeda tilliberah mill-addebitu tar-recediva, tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal-zmien erba' snin millum.

Il-Qorti spjegat l-import u l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-hati.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1), 28H u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati **ihallas** is-somma ta' sitt elef u disa mitt Ewro (€6,900) lill Ronald Bezzina bhal kumpens ta' l-oggetti kollha misruqa liema somma ghandha tithallas fiz-zmien massimu skont il-ligi. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Annise Bejaoui **ihallas lir-Registratur tal-Qorti** l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma ta' elf, erba mija, tlieta u tmenin Euro

u tmintax il-centenzu (€ **1483.18**) rapprezentanti spejjez ta' l-espert mahtur Dr. Marisa Cassar (€757.56)[45] u Joseph Mallia (€725.62).[46]

**Komunika: Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali**

**Moghtija illum nhar is-17 ta' Marzu 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Registratur**

[45] Folio 122 ta' l-atti processwali
[46] Folio 130 ta' l-atti processwali